**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.11179 - BRIDGEPOINT / WINDAR)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2023/C 317/10)

1. Fit-30 ta' Awwissu 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Global Dromen, S.L. (Spanja), entità li finalment u indirettament hija kkontrollata minn Bridgepoint Group plc ("Bridgepoint", ir-Renju Unit)

— Windar Renovables, S.A.2 u s-sussidjarji tagħha ("Windar", Spanja)

Bridgepoint se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Windar kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— BRIDGEPOINT hija attiva fit-tkabbir tal-assi privati li tinvesti fl-ekwità privata u fid-dejn privat, b'enfasi fuq in-negozji tas-suq medju f'erba' vertikali: (i) Industrija Avvanzata, (ii) Servizzi tan-Negozju u Finanzjarji, (iii) Konsumatur u (iv) Kura tas-Saħħa, b'Teknoloġija bħala orizzontali.

— WINDAR għandha l-kwartieri ġenerali tagħha fi Spanja u timmanifattura torrijiet tar-riħ u pedamenti lil hinn mill-kosta għat-turbini eoliċi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11179 – BRIDGEPOINT / WINDAR

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË